VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA

VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali *Valletta*

## Laqgħa Nru. 39/2016

Data: 5 ta' Mejju 2016

Ħin: 6.00pm

Post: Fl-Uffiċċju tal- Kunsill

---

Preżenti:

***Prof Alexiei Dingli*** – *Sindku*
***Christian Micallef*** – *Viċi Sindku*
***Raymond Azzopardi*** – *Kunsillier*
***Vincent Fabri*** – *Kunsillier*
***Vincent Farrugia Lauri*** – *Kunsillier*

***Gabriella Agius*** – *Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: ***Dr Norman Shaw*** – *Minority Leader – (Safar Proġett EU)*

Assenti: *Raymond Attard*

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri ;
5. Korrispondenza
6. Komunikazzjoni ta' l-Ambaxxatur
7. Amministrazzjoni
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Aġġornament.

# Minuti - 39/2016

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti Xx

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 38 – Il-Ħamis 7 ta' April 2016 kienu ikkonfermati.
1.2 Preżentazzjoni GHRC – Proġett Tritoni u tisbieħ tad-Ditch.
Il-Laqgħa ġiet sospiża biex is-Sur Dennis Vella mil-GHRC jagħti informazzjoni dwar l-proġett tal-Pjazza l-ġdida ta' Tritoni u t-Tisbieħ tad-Ditch ta' Bieb il-Belt. Saret preżentazzjoni dettaljata dwar dan il-proġett. Dan il-proġett għandu jitlesta sa nofs 2017. Filwaqt li il-Kunsill qabel mal-progett, pero ghandu ir-riservi tieghu rigward ir-roundabout il-gdid li se tinholoq hdejn Belt is-sebh minhabba il-fatt li din jista jkollha impatt negattiv fuq it-traffiku hiereg mil-belt.

## 2. Punti mqajma mill-Minuti XX

2.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li kiteb ittra lil Prim Ministru kif ukoll lil Kap ta' l-Oppozizzjoni biex l-fondi ta' CPPS tal-MEPA jigu moddija lill-Kunsill mill-aktar fis possibli biex isiru l-bankini. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
2.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara li saret laqgħa oħra msejħa mis-Segretarju Parl. Stefan Buontempo fuq talba tas-Sindku dwar l-audit, l- awditur generali laqa it-talba tal-Kunsill u biddel l-awditur. L-awdituri l-ġodda ser ikun 3A. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
2.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li l-pjanti l-ġodda ta'Cafe Premier ser jiġu sottomessi l-MEPA. L-applikazzjoni minn naħa tal-Kunsill għad-devolution saret ukoll. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
2.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li dwar l-ismijiet tat-turġien u segretarja qed tikkomunika mas-Sur Ellul Jeffrey mill-Electoral Office. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
2.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li rċieva korrespondenza dwar Archbishop street min ghand Transport Malta. Il-Kunsill ma qabilx u ghalhekk ser imexxi bil-proċeduri skond ma ttiegħ l-ligi.

## 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma ġew sottomessi 4 applikazzjonijiet bħala proposti għal proġetti ERDF. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.2 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li rċieva request min għand l-PPS Sur Mario Cutajar biex jiltaqgħa mal-Kunsill dwar l-istrategy plan tal-Belt. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.3 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li wara li tenders tat-tindif ġew approvati ser issir laqgħa mal-kuntrattur dwar l-obligi tal-kuntratt. L-kunsill kollu qabel dwar dan.
3.4 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma li ser issir l-opening tal-ġnien ta' Peacock u se tigi organizzata attivita' għat-tfal fil-bidu ta' Ġunju
3.5 Is-Sindku Prof Alexiei Dingli nforma dwar l-attivitajiet tal-450 sena. Nforma ser isiru sensiela ta' kunċerti f'kull parroċċa.

## 4. Komunikazzjoni tal-Kunsillieri

4.1 Il-Viċi Sindku nforma li r-ristorant li hemm f'dar l-imigrant qed jabbużaw kemm mis-sistema tal-gbir ta' l-iskart kif ukoll mil-parking. L-kunsill kollu qabel li għandu jsir rapport dwar dan l-abbuż. Ghandhom isiru bollards fil-kantuniera fejn Triq Sant' Ursola u Pjazza ta' Kastilja.
4.2 Il-Viċi Sindku nforma li kellmu xi ħadd mil-uffiċċju ta' l-ombudsman dwar xi tabella. Is-Segretarja nfurmat li l-ewwel darba issir min Transport Malta.
4.3 L-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li hemm bzonn refreshing f'East street kif ukoll Gnien is-Sultan.

4.4 L-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li ghandhom jitwahhlu 2 one way signs fejn Miceli store ghaliex l-karozzi qed jitilghu wrong way biex jiffrankaw cva. L-kunsill kollu qabel dwar dan.

4.5 L-Minority Leader Dr Norman Shaw xtaq li jsir double yellow line quddiem vertrina ta' TUACO li qed tiġi nblukkata fi Triq Melita. L-Kunsill qabel dwar dan.

4.6 L-Kunsillier Vincent Farrugia nforma li nies qed jistaqsu dwar il-gurnata għal- Catania. Is-Segretarja nfurmat li qed jipprovaw isibu data għal din il-gita.

# 5. Korrispondenza

5.1 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand Transport Malta biex isiru parkings bays ghad-diving schools. L-kunsill kollu qabel li jsir wiehed biss.

5.2 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-AKL dwar laqgħa tas-Sindki pero dan ma setax jattendi. Lanqas il-Viċi Sindku ma seta jattendi. L-kunsill kollu qabel dwar dan.

5.3 L-Kunsill rċieva korrispondenza min għand l-Kappillan ta' Santu Wistin dwar il-festa kif ukoll biex isiru xi tappieri ġodda. L-kunsill kollu qabel dwar dan.

# 6. Komunikazzjoni ta' l-Ambaxxatur

6.1 Nil

# 7. Amministrazzjoni

7.1 Is-Segretarja nfurmat li tterminat l-impjieg ta' Maloclm Bezzina minħabba li huwa akkuzat li kiteb cheque fuq ismu minflokk fuq isem il-Kunsill Lokali Valletta. Is-Segretarja spjegat fid-dettal il-kas lil kunsill nfurmat ukoll dwar il-problemi kien hemm qabel tant hu hekk li kien iggedded anke l-probation. Is-Segretarja wriet kopja ta' l-irċevuta li ħareg Malcolm Bezzina u li fis-sistema ma tidher imkien. Tant hu hekk li l-kuntrattur rċieva kont ta' CVA. Għamlet referenza ukoll għal minuti 35. Dejjem short fil-cash tant li meta telaq kien 50 euro short li huma flus tal-Kunsill. L-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma lis-Segretarja li Malcolm Bezzina kien avviċinah u qallu li s-Segretarja ketċietu għaliex huwa Laburist u għamlet dan xahar qabel tispiċċa l-probation. Is-Segretarja ċaħdet dawn l-akkuzi u nfurmat li kieku kien hekk kien ikollu problemi biex jiġi mpjegat. Infurmat ukoll li fil-post tax-xogħol il-politika qatt ma daħlet. Dan jixhed ir-relazzjoni tajba li għandna ma' diversi ministeri. Is-Segretarja nfurmat li Malcolm Bezzina kellu ħafna nuqqasijiet fosthom pparkjar bl-addoċċ, ħinijiet tal-break mhux rispettati. Jitlaq qabel il-ħin li jispicca xogħol mingħajr permess. L-kunsill kollu qabel dwar dan.

7.2 Is-Segretarja nfurmat li ħarġet sejra għal clerk scale 15. L-kunsill kollu qabel dwar dan.

7.3 Is-Segretarja nfurmat li qed l-grupp min Sunderland (proġett ta' l-eu) ġejjin fl-aħħar gimgħa ta' Mejju. L-kunsill kollu qabel dwar dan.

7.4 Is-Segretarja nfurmat li ser tixtri laptop u l-kunsill rċieva 3 quotations. L-kunsill kollu qabel li jinxtara laptop.

# 8. Approvazzjoni tal-Pagamenti

8.1 NIL

## 9. Aġġornament.

9.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal ***Hamis 9 ta'Ġunju fis-6.00pm***. L-kunsill kollu qabel dwar dan

**IFFIRMATA**

***Prof Alexiei Dingli***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Gabriella Agius***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: ***9 ta'Ġunju 2016***